MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 48/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**RODERICK CAUCHI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **RODERICK CAUCHI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Anthony u Margaret nee Pace, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Mejju 1983 u residenti ‘Sunset’, Triq Karmni Grima, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 23683G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar s-Sibt, sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2004, ghal habta tan-nofs siegha ta’ wara nofsinhar, fi Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem,

Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvoluntarjament ikkaguna l-mewt ta' Raymond Mercieca ta' 'Raygers Nest', Triq s-Santwarju Puniku, Kercem, Ghawdex;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvoluntarjament ikkaguna hsara fil-mutur bin-numru ta'registrazzjoni IBH 187 tal-ghamla Honda 125, ghad-dannu tal-istess Raymond u Geraldine Mercieca minn Kercem, Ghawdex;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH 041 bi traskuragni;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH 041 b'mod perikoluz.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti nkluz l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar t-tmintax ta' Novembru 2004 esibit a fol 73 et seq tal-atti, l-affidavit ta' Doctor Anthony Zrinzo esibit bhala Dok. AZ a fol 336 tal-atti, kif wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta ta' Settembru 2005 [fol 279] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2004 [fol 8] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti zammet access fuq l-post tal-incident nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2008 [fol 373] fejn setghet tikkonstata l-ambjent fejn sehh l-incident de quo u fil-presenza tal-partijiet kollha koncernati, tnizzlu notamenti ta' dak li gie rilevat lil Qorti.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 10] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004, ghal habta tas-siegha w kwart ta' wara nofsinhar, il-pulizija tal-ghassa tar-Rabat, Ghawdex, kienu nfurmati li fi Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem, kien sehh incident tat-traffiku bejn mutur u *truck* fejn s-sewwieq tal-mutur kien mitluq mal-art minghajr ma jiccaqlaq. Qal li l-ambulanza giet imsejjha fuq il-post u kif waslu l-pulizija, s-sewwieq tal-mutur kien diga tghabba fl-ambulanza w ittiehed l-isptar fejn gie ezaminat minn Doctor Peter Muscat li ccertifikah li kien fil-perikolu tal-mewt u sussegwentement ttiehed l-isptar San Luqa, Malta.

Qal li minn investigazzjonijiet preliminari li saru rrizulta li s-sewwieq tal-mutur kien tiela minn Triq l-Avukat Anton Calleja minn naha tal-pjazza ta' Kercem lejn l-Ghadira w t-*truck* bin-numru ta' registrazzjoni LAH 041, li kien misjuq mill-imputat, kien miexi fid-direzzjoni opposta tal-mutur. Qal li rrizulta li f'hin minnhom, meta l-mutur w it-*truck* ltaqghu f'dik il-parti tat-triq fejn hemm *bend*, il-mutur gie milqut ghaliex t-*truck* ha t-triq kollha u sehh l-incident awtomobilistiku fatali.

Zied jghid li peress li s-sewwieq tal-mutur li sa dak l-hin gie identifikat bhala Raymond Mercieca kien fil-perikolu tal-mewt, gie nfurmat l-Magistrat tal-ghassa Dottor Paul Coppini li hatar diversi esperti fosthom lil Perit Gwido Vella, lil fotografu Max Xuereb, lil Mario Buttigieg bhala espert tat-traffiku, lil Joseph Zammit bhala espert fl-ingenji u lil Mario Mifsud flimkien ma Robert Cardona bhala esperti forensici biex jghinuh f'din l-investigazzjoni.

Qal li minn dak li rrizultalu tul l-investigazzjoni preliminari, gie stabbilit li l-mutur involut f'dan incident, garrab hsarat

minimi filwaqt li t-*truck* ma kellu lanqas girfa wahda. Qal li meta l-imputat fuq il-post gie mistoqsi x'kien gara, dan baqa' jinsisti li meta ra l-mutur, l-mutur speci pprova jigbed lejn il-gemb tax-xelllug tieghu biex jevita li jahbat mat-*truck* w ghal xi raguni jew ohra, tilef il-kontroll u waqa'. Qal li l-imputat baqa jinsisti wkoll li fuq il-post ma kien hemm ebda kuntatt bejn il-mutur w it-*truck*. Qal li pero mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li fil-fatt l-*crash helmet* ta' Raymond Mercieca kellu grif u daqqiet fuqu. Qal li fil-fatt Raymond Mercieca ttiehed l-isptar bil-*crash helmet* f'rasu b'kollox u kienu l-istess tobba li nehhewulu. Qal li kien hemm x'jindika li fil-fatt kien hemm kuntatt mat-*truck* u jidher li kien sar kuntatt bis-sahha mar-rota tan-naha ta' wara, mal-parafangu tar-roti tat-*truck*.

Qal li fil-fatt dan l-*crash helmet* gie elevat minn Mario Mifsud u Robert Cardona ghal xi ezamijiet u sussegwentement lil espert l-iehor nominat, Mario Buttigieg. Qal li l-ghada tal-incident, fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2004, kienu gew infurmati mill-isptar San Luqa li Raymond Mercieca kien miet kagun tal-griehi li garrab w ghalhekk nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2004, saret l-awtopsja fuq il-kadavru tieghu mill-Professoressa Marie Therese Camilleri kif assistita minn Doctor Safraz Ali, fejn dawn iccertifikaw li Raymond Mercieca kien miet kagun tal-griehi li sofra f'dan l-incident stradali.

Mistoqsi jekk l-espert Mario Buttigieg marx fuq il-post fil-mument li kienet qed issir l-inkjesta, ix-xhud qal li huma haduh wara fuq il-post. Mistoqsi min minn gie ezaminat l-*crash helmet* ix-xhud qal li gew mehuda kampjuni minnu kemm minn Mario Mifsud kif wkoll minn Robert Cardona u sussegwentement gie mghoddi lil Mario Buttigieg.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 **xehdet Geraldine Mercieca** [fol 13] fejn qalet li hi tigi l-mara tal-mejjet Raymond Mercieca. Qalet li meta sehh l-incident hi ma lahqitx lil zewgha fuq il-post. Qalet li wara li sehh l-incident, kien mar ħu zewgha u qalilha li zewgha kellu incident u hadha l-isptar. Qalet li kif waslet l-isptar, t-tabib mill-ewwel qalilha li zewgha kien gravi u meta dahlet tarah, kellu rasu minfuha hafna u miet l-ghada. Qalet li

x'hin ratu hi l-isptar, ma kellux *crash helmet* f'rasu, kienu gia nehhewulu u fil-fatt lanqas biss kienet ratha.

Illi nhar d-disgha ta' Dicembru 2004 **xehed Joseph Zammit** [fol 17] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. JZ.  Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-mutur f'dan l-incident ma giex in kuntatt (ma habatx) mat-*truck* in kwistjoni imma tkaxkar fuq in-naha msemmija bis-sewwieq tieghu b'kollox u ma giex eskluz li kull ma laqat t-*truck* kienet il-*crash helmet* li kien liebes s-sewwieq tal-mutur u dan ghaliex sab biss impronti komparabbli ma tixlif frisk li kkonstatata max-xewka tal-*mudguard* ta' wara tal-lemin [fol 29 u 30].

Jirrizulta wkoll li ghalkemm l-mutur kien f'kundizzjoni tajba u bi hsara minima, t-*truck* instab b'*tyre* wiehed biss tajjeb u cioe dak ta' quddiem tal-lemin u t-*tyres* l-ohra kollha kienu lixxi u malandati kif wkoll t-*tyres* ta' wara u cioe d-*double wheel* kienu jinsabu wkoll spareggjati.  Jirrizulta wkoll li ghalkemm s-sistema tal-*brakes* ta' wara kienet torbot sewwa, minhabba li t-*tyres* kienu lixxi u spareggjati, ma kienux jorbtu wgwali z-zewg roti filwaqt li l-*brakes* fuq r-roti ta' quddiem, nstabu batuti w ghalkemm setghu gew applikati, qatt ma hallew impronti.

Dan l-espert ikkonkluda li ghalkemm nstabu dawn in-nuqqasijiet fuq t-*truck* msemmi, bl-ebda mod ma qal lil-incident sehh esklussivament minhabba tali difetti.

Illi nhar d-disgha ta' Dicembru 2004 **xehed rega' xehed Joseph Zammit** [fol 59] fejn mistoqsi dwar t-*tyres* w l-*brakes* tat-*truck*, qal li t-*truck* ma kienx f'kundizzjoni tajba pero tali kundizzjoni hazina m'ghandha x'taqsam xejn mal-incident.  Qal li hu nnota barxa wahda biss fuq il-*mudguard* ta' wara tan-naha tal-lemin li probabbilment saret bil-*crash helmet* ghaliex fuq il-mutur ma sab ebda *impact* li kellha x'taqsam.   Qal li sab il-*crash helmet* mibrux kollu w ghalhekk kien talab li jinhatar espert iehor biex jikkonstatata dan il-fatt.

Illi nhar d-disgha ta' Dicembru 2004 **xehdet WPS 50 Miriam Attard** [fol 51] fejn qalet li fis-sitta w ghoxrin ta'

Gunju 2004, kien sehh incident bejn mutur bin-numru ta' registrazzjoni IBH 197 misjuq minn Raymond Mercieca u *truck* bin-numru ta' registrazzjoni LAH 041 misjuq mill-imputat. Qal li meta marret fuq il-post kien hemm l-imputat filwaqt li l-vittma kien diga ttiehed l-isptar. Qalet li l-imputat meta gie mitkellem dak l-hin, qal li hu kien niezel minn Triq l-Avukat Anton Calleja u ra l-mutur tiela b'farka *speed* u kien gej ghal nofsu u x'hin wasal bi dritt l-isqaq, tal-mutur gibed lejn il-hajt, ghaddih u b'hekk ma setghax jara x'kien gara. Qalet li fit-truck dak l-hin kien hemm persuna ohra, Franklyn Hili, detentur tal-karta tal-identita numru 385181M. Qalet li meta Franklyn Hili gie mitkellem qal li hu kien bil-qeghda quddiem, ra lil tal-mutur gej minn nofs u kif rahom, kiser lejn il-hajt u ma kienx jaf x'gara aktar. Ix-xhud esibiet l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala Dok PS.

Qalet li meta hi waslet fuq il-post, kemm il-karozza kif wkoll l-mutur kienu ghadhom fuq il-post fl-istess kundizzjoni kif kienu mal-habta, pero l-*crash helmet* ma kienx hemm ghaliex kien ghadu f'ras il-vittma li ttiehed l-isptar. Qalet li l-mutur dak l-hin kien 6.60 metri boghod mill-parti ta' wara tat-*truck*, u cioe wara t-*truck*. Qalet li kien hemm zewg metri minn naha ta' quddiem fin-naha tal-lemin ghal hajt u quddiem minn naha tal-left 1.15 metri u fuq wara fuq il-lemin 2.05 u n-naha l-ohra on the left 1.55 approsimativament.

Illi nhar t-tmienja ta' Frar 2005 **xehed l-perit tekniku Mario Buttigieg** [fol 121a] fejn esibixxa r-relzzjoni tieghu wara li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta 'n konnessjoni ma dan l-incident, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. MB [fol 122 et seq].

Minn ezami tal-istess jirrizulta li t-*truck* laqat lil mutur fir-regjun ta' wiehed w ghoxrin mil fis-siegha. Peress li t-triq ma kienetx dritta iz-zewg sewwieqa setghu jaraw lil xulxin f'distanza qasira ta' hamsa w ghoxrin metru. <u>Jirrizulta wkoll li s-sewwieq tat-*truck* kien qed isuq fin-nofs tat-triq u dan jirrizulta minn fejn bdew l-*brake marks*.</u> Fil-fehma ta' dan l-espert jirrizulta li s-sewwieq tal-mutur, waqt li kien ghaddej, spicca imrassas bejn il-hajt tas-sejjieh w il-

vettura u meta ra hekk, s-sewwieq tal-mutur ppanikkja u tilef l-kontrol tal-mutur. L-istess sewwieq tal-mutur qatt ma laqat il-hajt u dan gie stabbilit peress li ma kien hemm ebda tracci u cioe grif kompatibbli ma dak tal-mutur. Illi l-impatt sehh meta s-sewwieq tal-mutur tilef il-kontrol tal-istess mutur meta kien qed jaqa' u kien kwazi waqa' ghal kollox mal-art, meta l-istess sewwieq tal-mutur, habat rasu mal-kantuniera tal-*mudguard* tal-vettura l-ohra. Illi mill-ezamijiet li dan l-espert ghamel, jirrizulta b'mod lampanti li r-rota tat-*truck* qatt ma telghet fuq ras il-vittma, izda messet l-*crash helmet*. Dan gie konstatat peress li ma kienx hemm *tyre marks* fuq il-*crash helmet* u dan ma kienx imbewwaq. Illi l-unika tracca li kellu l-*crash helmet* kienu l-bicciet tal-gomma li kien hemm fuq l-istess *crash helmet*. [fol 158 – 160].

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **rega' xehed Mario Buttigieg in kontr'ezami** [fol 371] fejn mistoqsi jekk marx fuq il-post tal-incident, wiegeb li mar pero wara. Mistoqsi minn fejn kien gab l-informazzjoni dwar il-kaz w il-wicc tat-triq, wiegeb li kien ikkomunika mal-perit li kien gie nominat fl-inkjesta. Mistoqsi dwar il-*co-efficent* tal-*friction*, x-xhud wiegeb li hu gabar tali nformazzjoni minghand l-perit. Mistoqsi minn fejn irrizultalu li Raymond Mercieca ntrema' minn fuq il-mutur x-xhud qal li dik hija supposizzjoni li wasal ghaliha hu u dan peress li d-demm kien xi metru boghod minn fejn kien il-mutur. Zied jghid li hu ghamel l-kalkoli tieghu w irrizultanzi tieghu mix-xhieda li l-imputat ta lil perit fil-mument meta gie nvestigat. Qal li hu bbaza l-argument tieghu minn fejn bdew l-*brake marks* w id-distanza minn fejn l-i*stop sign* fejn gara l-incident ma kienx rilevanti ghal kalkoli tieghu. Anzi zied jghid li hu kkalkola wkoll l-*perception* mid-distanza ta' fejn s-sewwieq tat-*truck* seta' jara s-sewwieq tal-mutur.

Ix-xhud jghid li s-sewwieq tal-mutur ma setghax jara t-*truck* gej minhabba l-hajt, l-*bourdary wall* li kellu meta huwa kien tiela u minn dan kien cert ghaliex mar fuq il-post biex jara hu stess. Qal li bl-amment ma setghax jghid kem hi wiesgha t-triq pero jaf li kkalkolha w tirrizulta fir-rapport. Qal li l-*brake marks* w r-roqgha demm hadhom minn fuq il-pjanta li rrediga l-perit nomintat. Qal lit-tkaxkir

tal-mutur ma l-art rahom hu stess b'ghajnejh. Qal li jekk mhux sejjer zball, tkaxkir mal-hajt fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hekk ukoll u dan huwa msemmi fir-rapport tieghu.

Meta gie muri d-Dok. RC 6, qal li hu indika fejn kien hemm l-*contact damages* fuq il-mutur u li l-hsarat li kien hemm kienu fuq dik il-parti fejn il-mutur waqa mal-art. Qal li hu ma tax kaz z-zebgha ndikata fuq r-ritratt li gie ndikat lilu.

Qal li meta hu ezamina l-mutur ma rrizultalux li kellu xi daqqiet fuq in-naha l-ohra. Mistoqsi kif jirrizultalu daqshekk lampanti kif s-sewwieq tal-mutur l-ewwel habat rasu mat-*truck* w imbaghad mal-art, ix-xhud wiegeb li ta d-deskrizzjoni dettaljata fir-relazzjoni tieghu ta' dak li gara u ma garax u kif effettivament s-sewwieq habat rasu u dan billi fisser li kellu daqqa kbira fin-nofs tal-*crash helmet* u kien hemm *chipping* fil-*crash helmet*. Qal li effettivmanet kienu marru fuq il-post w ic-*chipping* li nqala minn mal-*mudguard* w r-rota ta' wara gew *embedded* fil-*crash helmet* pero hu ma kienx jaf x'rizultati hargu. Qal li pero l-impatt kien meta x-xufier tal-mutur habat rasu mal-*mudguard* ta' wara tat-*truck*, beda jitkaxkar w ghalhekk kien hemm l-brix mal-art. Qal li hu pero ma setghax jikkalkola l-i*speed* li kien ghaddej bih l-mutur. Ix-xhud rega' <u>kkonferma li l-imputat ghafas l-*brake* tieghu meta kien f'nofs t-triq.</u>

<u>Zied jghid li l-habta saret meta s-sewwieq tat-*truck* kien ghadu f'nofs t-triq u dan l-i*spot of impact* jidher fir-ritratti. Mistoqsi ghaliex m'attribrixxa ebda fatt negattiv lis-sewwieq tal-mutur, ix-xhud wiegeb li rrizultalu li s-sewwieq tal-mutur kien fuq is-*side* tieghu filwaqt li x-xufier tat-*truck* kien f'nofs t-triq</u>. Mistoqsi jghid ghaliex hu kkonkluda li l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu, ix-xhud wiegeb li primarjament l-imputat kien f'nofs t-triq aktar w aktar meta huwa kien gej hiereg minn fuq *stop sign* u l-i*speed* li kien ghaddej bih ma jistax ikun li huwa waqaf fuq l-i*stop sign* u baqa hiereg dritt.

Illi nhar t-tmienja ta' Frar 2005 **xehed Franklyn Hili** [fol 175] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004, hu flimkien ma Roderick Cauchi kienu ghadhom kif spiccaw

mix-xoghol u kienu sejrin lura lejn r-Rabat. Qal li l-imputat kien qed isuq *truck* u hu kien passiggier quddiem. Qal li kif waslu Kercem, peress li kien hemm speci ta’ kisra, hu ra mutur gej minn naha opposta tieghu, ftit metri boghod mit-*truck* taghhom u dan kien fid-direzzjoni fejn kien hemm is-sewwieq, fuq in-naha tieghu. Qal li dan il-mutur ghadda minn quddiem t-*truck* taghhom u dar mal-lemin tieghu.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2007 **rega’ xehed Franklyn Hili** [fol 366] fejn qal li hu ghandu sitta w ghoxrin sena u li dakinhar tal-incident kellu licenzja tas-sewqan wkoll. Qal li dakinhar tal-incident hu u l-imputat kienu gejjin minn Santa Lucija minn fejn ghandhom il-barriera taghhom, sejrin lejn r-Rabat. Qal li l-imputat kien qed isuq t-*truck high-up* dakinhar, li ma kienx mghobbi. Qal li dak z-zmien hu kien jahdem mal-imputat u l-imghallem taghhom kien certu Joseph Saliba. Mistoqsi xi *speed* kienu ghaddejjin bih, x-xhud wiegeb dak l-hin kienu ghadhom kif hargu minn ‘Y’ Junction. Spjega li meta wiehed ikun jhares lejn il-faccata ta’ din il-Y Junction, huma kienu hergin minn naha tax-xellug ta’ din il-‘Y’ Junction. Qal li huma waqfu u wara hargu. Qal li minn fejn waqfu w effettivament sehh l-incident, kien hemm distanza ta’ circa tmintax il-metru. Qal li peress li hu kien riekeb fuq quddiem, ra lil mutur gej b’daqsxejn ta’ *speed*. Qal li, l-ewwel l-mutur kien gej ghal go nofshom, w imbaghad kiser ghal fuq in-naha tax-xufier, jigifieri fuq il-lemin tieghu. Qal li meta rawh l-ewwel darba, il-mutur kien distanza ta’ bejn hdax w erbatax il-metru boghod.

Mistoqsi kemm hija wiesgha t-triq, x-xhud wiegeb li jahseb li kienu jghaddu zewg karozzi sew, pero l-incident ma rahx isehh ghaliex kien qed ihares ‘l quddiem. Mistoqsi jekk jafx jekk il-mutur messx mat-*truck*, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf jghid peress li hu kien qed ihares lejn n-naha tax-xufier. Mistoqsi jekk rax il-*brake marks* tat-*tyres* tat-*truck* wara l-incident, x-xhud wiegeb li rahom. Qal li huma kienu qishom qed jaqsmu t-triq, jigbdu lejn ix-xellug taghhom w ghalhekk il-*brake marks* qeghdin kif qeghdin. Qal li l-imputat ghafas il-*brake* kif appena ra l-mutur gej, peress li kien gej ghal go nofshom. Qal li zewg karozzi

jghaddu zgur minn dik t-triq, pero jekk jghaddix *truck* u karozza ma gembha, ma kienx jaf. Qal li appena sehh l-incident, huma marru jaghtu l-ghajnuna lis-sewwieq tal-mutur, w ippruvaw ikellmuh pero ghal xejn, ghaliex kien diga intilef minn sensih.

Illi nhar l-hamsa t'April 2005 **xehdu l-Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Safraz Ali** [fol 190] fejn qalu li huma kienu gew nominati fl-inkjesta mizmuma 'n konnessjoni m'incident stradali li sehh nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004 f'liema incident tilef hajtu Raymond Mercieca. Huma esibew r-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. NEKRO [fol 192].

Mistoqsija n' kontr'ezami, jekk l-abrazjonijiet li kellu l-vittma li fuqu ghamlu l-ezami nekroskopiku, fuqu kellux brix u tbengil frisk, ix-xhieda qalu li kellu brix u tbengil frisk. Mistoqsija kif sehhet il-frattura fir-ras, ix-xhieda qalu li din sehhet permezz t'impatt, permezz ta' pressjoni ta' haga li ghaddiet minn fuqu. Mistoqsija jekk d-daqqa gietx fuq in-naha tal-lemin jew tax-xellug tar-ras, x-xhieda wiegbu li ma kienux f'posizzjoni li jirrispondu tali mistoqsija. Qalu li l-*haemorrhages* in kwistjoni tant kienu estensivi, li ma setghux jillokalizzawhom f'post partikolari. Qalu li t-tbengil kien anke fuq n-naha tal-lemin w ghalhekk huwa kompatibbli li d-daqqa giet fuq in-naha tal-lemin u l-impatt wisq probabbli sar ma gembha, fuq in-naha tal-lemin. Qalu li l-piz tal-mohh kif jirrizulta mir-rapport esibit minnhom, huwa daqsxejn itqal minn normal u dan huwa normali minhabba l-*aedema* li kien hemm fil-mohh u minhabba *haemorrhage.*

Illi nhar l-hamsa t'April 2005 **xehed Doctor Peter Muscat** [fol 197] li qal li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004, waqt li kien xoghol fid-Dipartiment tal-Emergenza, ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, kien iddahhal certu Raymond Mercieca permezz t'ambulanza, li kien f'qaghda kritika u ma kellu ebda response jew sinjali ta' xejn w ghalhekk setgha jghid li kien diga mejjet. Qal li l-*pupils* tieghu kienu *dilated to the left more than to the right* u ma kienux *reactive*, li jfisser li kien hemm hsara rriversibbli fil-mohh. Spjega li mill-ewwel ghajjat lis-

Surgeon u l-Anastetista ta' fuqu biex ikomplu bl-istharrig. Spjega li Raymond Mercieca kellu ferita kbira, ticrita fonda b'hafna demm hiereg minnha li kienet fuq wiccu fuq in-naha tal-lemin u sarulu xi punti fl-Emergenza. Qal li kellu wkoll qata' zghira f'idejh l-leminija. Mistoqsi jekk kellux xi *foreign bodies* f'din il-ferita, x-xhud qal li ma setghax jghid ghaliex kien hemm hafna demm hiereg minnha.

Illi nhar l-hamsa t'April 2005 **xehed il-Perit Gwido Vella** [fol 199] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta 'n konnessjoni m'incident stradali li sehh nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004. Hu ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. GV [fol 200].

Illi nhar l-ghoxrin ta' Gunju 2008 **rega' xehed l-Perit Gwido Vella** [fol 386] fejn qal li hu kien assista lil Magistrat sedenti fuq access mizmum minnha nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2008 u esebixxa r-ritratti mehuda minnu waqt dan l-access [fol 387 et seq].

Illi nhar l-erbgha t'Awissu 2005 **xehed Robert Cardona** [fol 258] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta 'n konnessjoni m'incident stradali li sehh nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004. Hu ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. RC [fol 259 et seq].

Illi nhar l-erbgha t'Awissu 2005 **xehed Max Xuereb** [fol 276] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta 'n konnessjoni m'incident stradali li sehh nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004. Hu ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tikkonsisti f'erbghin ritratt esibiti a fol 108 tal-atti.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed Raymond Azzopardi** [fol 309] fejn qal li lil Raymond Mercieca kien jafu sew. Qal li jiftakar li dakinhar tal-incident mertu ta' din il-kawza, hu kien d-dar jistrieh meta f'hin minnhom, wara nofsinhar, habbat il-bieb u hareg biex jara minn kien hemm u ra bniedem mal-art hdejn mutur u qalulu biex icempel ghal ambulanza, u hekk ghamel. Qal li meta cempel, staqsihom x'setgha jaghmel sakemm tasal l-ambulanza u dawn qalulu biex ipoggi xuguman mal-ferita u jrossha biex ma johrogx aktar demm u hekk mar

jaghmel u hemm induna li l-ferut kien l-habib tieghu Raymond Mercieca. Spjega li dan kien mimdud mal-art b'ferita f'wiccu, bil-*crash helmet* f'rasu u demm hiereg minn wiccu. Qal li hu joqghod faccata ta' fejn sehh l-incident. Qal li din t-triq hija wahda dejqa, wieqfa u hemm telgha u tisbroffa ghal triq ghal Santa Lucija w l-Ghadira, u l-incident sehh fid-djieq tat-triq.

Spjega li l-vittma kien qed ihares lejn il-hajt b'rasu thares ghat-telgha mbieghed mill-hajt fuq in-naha tax-xellug ftit piedi biss. Zied jghid li l-*crash helmet* f'ras Raymond Mercieca kien marbut normali taht geddumu. Qal li l-mutur kien ftit piedi boghod minnu, mimdud mal-art ma gemb l-hajt filwaqt li t-*truck* kien f'nofs t-triq. Qal li wara ftit giet l-ambulanza u haduh lejn l-isptar. Mistoqsi minn habbattlu l-bieb biex johrog ix-xhud wiegeb li kien certu bniedem mix-Xaghra li bil-kemm jafu, certu Roderick Cauchi, l-imputat odjern. Spjega li t-*truck* in kwistjoni kien 'l fuq mill-vittma, kien qrib il-hajt tas-sejjiegh mhux dak tal-bini. Qal li l-hajt tas-sejjieh huwa fuq in-naha opposta tat-triq tad-dar tieghu. Meta x-xhud gie muri ritratt esibit a fol 108 tal-atti, mmarkat bhala Dok. MX 33, x-xhud ikkonferma li dik hi l-posizzjoni li kien fiha t-*truck* dakinhar tal-incident.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed Jesmond Mercieca** [fol 311] fejn qal li Raymond Mercieca huwa ħuħ. Qal li kien rah dakinhar tal-incident ftit aktar 'l isfel fit-triq ftit sekondi qabel ma sehh l-incident u kien talbu biez inizzel lil ibnu x-Xlendi biex jghum. Qal li hu kien bit-*truck* filwaqt li l-vittma kien bil-mutur. Ix-xhud zied jghid li hu kien qal lil ħuħ li kien sejjer jigbor il-karru taz-ziemel mill-garaxx, pero l-karru ma sabux w ghalhekk ghalaq il-garaxx u rega' mar lura, f'nofs t-triq sab li kien sehh l-incident u x'hin waqaf biex jara x'kien gara, mar wiehed fuqu u qallu li ħuħ kellu ncident, w ghalhekk ipparkja mal-gemb u nizel jara x'kien gara. Qal li l-persuna li qaltlu li ħuħ kellu ncident, kien sid t-*truck*, certu Joseph Curmi. Qal li sakemm ipparkja t-*truck* tieghu, lahqet giet l-ambulanza, ħuħ gie moghti l-ossignu, tghabba fl-ambulanza w ittiehed l-isptar u hu telaq. Qal li dak l-hin hu kellem lil ħuħ minn distanza qasira minn fejn

effettivament kien seħħ l-incident. Qal li meta kienu qed jghabbu lil ħuħ bl-i*stretcher*, wahda minn nies li kienu hemmhekk, qaltlu biex ma jnehhulux l-*crash helmet* minn rasu, li kienet gia miftuha. Qal li l- *crash helmet* kienet mibruxa fuq in-naha tal-lemin u dan nnutah meta caqalqu lil ħuħ minn mal-art.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed Paul Tabone** [fol 313] fejn qal li jaf lil mejjet Raymond Mercieca. Qal li dakinhar tal-incident hu kien tiela bit-*truck* tieghu u wasal f'certu punt li ma setghax jghaddi izjed u waqaf. Dak l-hin zied jghid, ghaddiet ambulanza u baqa' tiela bil-mixi. Qal li hekk kif wasal fuq il-post fejn sehh l-incident, sab *nurse* li bdiet tikkura lil vittma u f'hin minnhom talbet ghal ghajnuna u hu ghenha ddahhal l-i*stretcher* taht Raymond Mercieca. Mistoqsi kif kien dak l-hin Raymond Mercieca, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf, ghalkemm kien hemm jghin. Qal li jaf li fuq il-*crash helmet* setgha jinnota li kien hemm grif fuq in-naha tal-lemin taghha u dan innutah meta kien qed jghin biex Raymond Mercieca jitpogga fuq l-i*stretcher*. Mistoqsi jekk rax lil ħu Raymond Mercieca fuq il-post, ix-xhud wiegeb li rah wara l-incident.

Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehdet Doctor Susan Attard** [fol 322] fejn qalet li hi dakinhar tal-incident m'ezaminatx lil Raymond Mercieca u li telghet tixhed minn flok s-Supretendent tal-isptar, Doctor Livori. Spjegat li mill-History Sheet ta' Raymond Mercieca jirrizulta li dan iddahhal fl-Emergenza tal-isptar Generali t'Ghawdex nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar. Qalet li meta ddahhal l-isptar, Raymond Mercieca kien mitluf minn sensih. Bhala feriti kellu qasma fuq in-naha tal-lemin ta' rasu, demm hiereg minn widnejh l-leminija. Qalet li dan gie ezaminat mis-Surgeon *on call* w ittiehed lejn l-isptar St. Luke's, Malta permezz ta' *helicopter*.

Mistoqsija jekk sarlux xi ezami tal-mohh, ix-xhud wiegbet li mill-*History Sheet* mizmuma fl-isptar Generali t'Ghawdex, ma jirrizultax li dan sar pero f'Malta gie ordnat CT Scan u li minnu ma rrizultax li kien hemm xi demm fir-ras u ksur fl-ghadam tal-wicc. Qalet li kien hemm *subdual haematoma*

fuq in-naha tax-xellug li giet kawzata bil-habta – *trauma*, w ghalhekk gie mcaqlaq il-mohh mix-xellug ghal lemin. Qalet li minhabba t-tbengila li kien hemm, s-*subdual haematoma* li f'dan il-kaz t-tbengila tidher li kienet fuq ix-xellug u probabbli ghalhekk d-daqqa giet minn fuq in-naha tax-xellug. Spjegat li din tigi bhala konsegwenza l-ewwel tat-trawma w imbaghad bil-pressjoni.

Ziedet tghid li kien hemm wkoll frattura tac-*cheek bone*, l-*antrum* u ksur fl-ghadma tal-mohh, il-*frontal synosis*. Qalet li Raymond Mercieca miet nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2004. Mistoqsija jekk sarux xi ezamijiet ohra, x-xhud wiegbet li ma tafx pero taf li kienu gew ordnati xi X Rays tas-sider u tal-*pelvis* li taw rizultat negattiv ghal fratturi. Qalet li taf li kien hemm certa pressjoni li kienet qed tghafas fuq l-ispazju li hu kompatibbli ma dan li jista jkun li tkun gie kagjonata b'tghaffiga.

Illi nhar d-dsatax t'April 2007 **rega' xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol 345] fejn esibixxa rapport imhejji minn Doctor Robert James Lewis datat sitta ta' Dicembru 2006, u dan wara li hu kien mar l-Ingilterra bil-*crash helmet* esibit fl-atti w ghaddih lil din il-persuna, li <u>fil-presenza tieghu stess</u>, ezamina l-istess *crash helmet*. Dan r-rapport gie mmarkat bhala Dok. MM 1 filwaqt li l-*crash helmet* gie mmarkat bhala Dok. MM 2.

Minn ezami ta' dan r-rapport imhejji minn Doctor Robert James Lewis jirrizulta li fil-fehma tieghu l-*crash helmet* gie f'kuntatt forzat mat-*truck*. Illi dan l-espert Doctor Robert James Lewis, gie ezantat milli jikkonferma r-rapport tieghu mid-difiza kif jirrizulta mill-verbal registrat fl-atti nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2007 (fol 356 – Vol. II)

Minn ezami tal-affidavit ta' **Doctor Anthony Zrinzo** esibit bhala Dok. AZ a fol 336 jirrizulta li Raymond Mercieca ddahhal l-isptar nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004 u gie ezaminat minnu u sab li kien f'kundizzjoni hazina ta' sahha, tant li gie trasferit ghal ITU.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 357] fejn qal li

llum il-gurnata ghandu erbgha w ghoxrin sena u dakinhar tal-incident kellu wiehed w ghoxrin sena. Qal li dakinhar hu kellu licenzja tas-sewqan w ghadha ghandu sa llum. Dwar l-incident in kwistjoni, ix-xhud qal li dan sehh ghal habta tas-siegha w kwart ta' wara nofsinhar. Spjega li hu kien gej mill-barriera minn naha ta' San Pawl, Kercem fejn kien qed jaghmel xoghol hemmhekk. Qal li hu kien jahdem ma Joseph Saliba. Qal li t-*truck* in kwistjoni li kien qed isuq fil-hin tal-incident, kien jappartjeni lil dan Joseph Saliba u dakinhar tal-incident kien sejjer d-dar tieghu, Triq Anici, r-Rabat.

Mistoqsi jekk kien wahdu, ix-xhud wiegeb li ma kienx, mieghu kien hemm haddiem iehor, certu Franklyn Hili. Spjega li dan t-*truck* huwa wiehed qadim u kellu l-*high-up* mieghu. Mistoqsi kienx hemm tghabija fil-kaxxa, ix-xhud wiegeb li kien hemm xi haga zghira, u cioe *frame* ta' mutur u xi hadid iehor. Qal li qabel l-incident, kien ghadu kif qala minn fuq *stop sign* li hemm fi Triq l-Ghadira, u kien fuq s-*second* jew *third gear*. Qal li hu fuq l-*stop sign* waqaf totalment. Qal li minn fejn kien wieqaf, meta ra lil mutur gej, kien hemm xi tmintax jew ghoxrin metru. Qal li meta qala, il-mutur xorta kien distanza minnu ta' circa tmintax il-metru u hu ra lil mutur gej bi *speed* u jsuq ghal go nofsu.

Spjega li t-triq hija wiesgha tant li minnha jghaddi t-*truck* li kien qed isuq hu w anke karozza, *easy*. Qal li hu kien fuq in-naha tax-xellug tat-triq u meta ra lil mutur gej ghal fuqu, ghafas il-*brake*. Ix-xhud qal li hu kien diga mal-hajt tax-xellug.

Mistoqsi ghaliex il-*brake marks* tieghu jibdew minn nofs t-triq ghal gol-hajt, x-xhud wiegeb li peress li qasam t-triq u peress li hu hareg minn naha tax-xellug tal-'Y' Junction ghal fuq in-naha tal-lemin ghal fuq ix-xellug, il-*marks* ghalhekk huma angolati. Qal li meta wasal hdejn il-mutur, kien ser jieqaf, pero kien ghadu *in motion*. Qal li tal-mutur skapulah u baqa diehel fil-hajt. Qal li x'hin il-mutur ghadda minn ma gembu, hu qabzu u ma setghax jara aktar u rah jahbat fil-hajt u ma rahx aktar. Qal li hu hareg mit-*truck* li kien qed isuq, mar fuqu u rah mal-art bid-demm hiereg u talab ghal ghajnuna.

Qal li fil-fehma tieghu, l-mutur ma mess fl-ebda hin mat-*truck* li kien qed isuq. Qal li kien jaf li kien hemm barxa mal-hajt u ohra fuq il-gebel li kien hemm mal-hajt. Ix-xhud esibixxa sitt ritratti bhala Dok. RC 1 sa RC 6 li gew mehuda dakinhar tal-incident, li juru s-sit fejn sehh l-istess incident. Ix-xhud gharaf d-daqqiet fuq r-ritratti, kagjonati f'dan l-incident. Qal li bejn t-*truck* tieghu w il-hajt kien hemm distanza ta' ftit inqas minn metru u fuq il-lemin kien hemm hafna aktar, ghax fil-fatt anke l-karozza tal-pulizija misjuqa minn xi hadd Cardona, wara l-incident ghaddiet. Qal li l-incident sehh fuq l-lemin.

In kontr'ezami, mistoqsi jekk rax l-i*sketch* li ghamel l-perit, ix-xhud wiegeb li ma rahx. Meta gie muri l-pjanta esibita fl-inkjesta, redatta mill-perit, ix-xhud stqarr li ma jaqbilx ma l-i*sketch* ghaliex d-distanza tat-*truck* w il-hajt tax-xellug hija kbira zzejjed. Lanqas ma qabel mat-tul tal-*brake marks* tieghu, ghaliex ma kienux daqshekk twal, kienu forsi xi ghaxar piedi b'kollox. Ghar-rigward d-Dok RC 2, x-xhud qal li l-marki jibdew ftit wara fejn il-Qorti mmarkat b'salib u hemmhekk hemm distanza ta' ghaxar piedi.

Meta gie muri ritratt immarkat bhala Dok. MS 29, ix-xhud qal li fih jidhru proprju li jibdew minn hdejn roqgha f'nofs t-triq. Qal li fil-fehma tieghu, mir-roqgha sa fejn hemm t-*truck* hemm ghaxar piedi. Qal li fil-fatt distanza ta' erbatax il-metru minn *stop sign* sa fejn sehh l-incident, 'l fuq minn erbgha w ghoxrin metru, jigifieri minn fejn hu telaq minn fuq l-i*stop sign* sa fejn bdew jimmarkaw il-*brake marks* kien *second* jew *third gear*.

Spjega li t-*truck* in kwistjoni huwa armat *low* jigifieri l-gears jinbidlu malajr. Ix-xhud zied jghid li meta hu ra l-mutur gej, hu kien qed isuq bi *speed* ta' hmistax il-kilometru. <u>Spjega li t-*truck* fih l-piz tal-*high-up* w ghalhekk tiehu aktar tul biex izommu u t-tul tal-*brake marks* jiddependi fuq t-toqol tat-*truck*</u>. Qal li l-mutur kien ghaddej *wrong side*. Qal li fl-ebda hin ma ra l-mutur imiss mat-*truck* tieghu. Meta gie muri ritratt tal-*crash helmet* ix-xhud qal li ma jaf xejn dwaru pero kien jaf li l-vittma kien liebes *crash helmet* f'rasu, ghalkemm il-kulur tieghu ma kienx jaf x'kien. Qal li

ma kienx jaf xi hsara kellu l-mutur tal-vittma wara l-incident.

Ix-xhud ghamel salib fejn kien l-ewwel darba li ra l-mutur gej fuq il-pjanta redatta mill-perit. Qal li kien diga fuq s-*second gear* fil-posizzjoni li hu mmarkat bhala salib fuq l-istess pjanta. Qal li t-*third gear* mar wara s-salib u meta ra l-mutur gej, xorta qaleb mis-*second* ghat-*third gear*, kien ser jaghti *third gear* ghan-nizla.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Illi l-imputat, skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali qed jigi akkuzat li kiser s-segwenti disposizzjonijiet:

1. Omicidju nvoluntarju skond l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel meta jinstab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira.*"

2. Hsara voluntarja skond l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-hruq, jew ghamel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan s-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati:-*

*a. jekk minhabba f'hekk tigi l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225* [f'dan il-kaz persuna wahda];
*b. jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il-persuna, li tkun iggib l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elf lira;*
*c. jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr l-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta'*

*prigunerija ghal zmien minn tlett xhur jew multa mhux izjed minn hames mitt lira;*
*d. f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravenzjonijiet.*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragerafu [d], hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjeta pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza.*"

X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku.

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990***, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3 la possibilita di prevedere.*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**"Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-

regolamenti tat-traffiku kif wkoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat*.*

**Sewqan bla kont** [*reckless driving*] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** [*dangerous driving*] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw d-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatura pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (***vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950***)."

Illi wara li l-Qorti ghamlet sintezi qasira dwar l-posizzjoni legali, thoss li ghandha tirrileva l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni, u dawn jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi nhar nhar s-sitta w ghoxrin ta' Guinju 2004, ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, l-imputat kien ghaddej bit-*truck* tieghu minn Triq l-Avukat Anton Calleja Kercem Ghawdexm meta kien involut f'incident stradali ma mutur misjuq minn Roderick

Mercieca,[1] f'liema incident Roderick Mercieca[2] spicca miet kawza ta' dan l-incident stradali.

2. Illi l-imputat kien qed isuq bi *speed* ta' wiehed w ghoxrin (21) mil fis-siegha, skond ma qal l-espert Mario Buttigieg.

3. Illi l-pulizija waslu fuq il-post ftit wara li gew infurmati b'din d-disgrazzja w infethet inkjesta magisterjali.

4. Illi 'n segwitu, l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 biex iwiegeb ghal akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-imputat ta' kif sehh l-incident hija s-segwenti u cioe li l-vittma kien ghaddej f'nofs t-triq bi *speed* eccessiv u kien ser jidhol fit-*truck* meta fid-daqqa w il-hin, skapula t-*truck* u meta s-sewwieq tat-*truck* hares lura, sabu mal-art miksi bid-demm.

Ikkunsidrat wkoll li fir-rigward l-lokalita fejn sehh l-incident in dezamina, kif del resto gie deskritt mill-Perit Gwido Vella nominat mill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta u konfermat aktar tard mill-Qorti fil-presenza tal-istess imputat, jigi sottolineat is-segwenti:

1. L-incident sehh fi Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem;
2. Illi din t-triq ghandha hajt tas-sejjiegh gholi fuq in-naha ta' Nofsinhar u bini gholi fuq in-naha tat-Tramuntana b'mod li tidher idjaq milli hi fil-fatt.
3. Illi fil-hin tal-incident t-triq kienet miexfa, bix-xemx tizreġ u bil-vizibilita ottima;

---

[1] U b'digriet tat-8 ta' Awissu 2008 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-parti fis-sentenza fis-sens illi l-isem "Roderick Mercieca" ghandu jigi kancellat u sostitwit bl-isem "**Raymond Mercieca".**

[2] L-istess bhan-nota numru wiehed (1) hawn fuq.

4. Illi ma kien hemm ebda persuna jew vettura ohra fuq l-post tal-incident fil-hin lid an sehh;
5. Illi t-tarmac kif tat-triq kien f'kundizzjoni tajba u ma kien hemm xejn fl-art li setgha jfixkel lil mutur.
6. Illi l-hajt tas-sejjiegh huwa gholi xi metru punt sitta (1.6 metri) bis-sigar tal-bajtar marhuga fuqu u jifforma kurva 'l barra li taghmel dan il-post tat-triq *accident black spot*, w t-*truck* kien jinsab ftit aktar lejn ix-xellug minn nofs t-Triq l-Avukat Anton Calleja.
7. Minhabba fil-kurva, kif tajjeb sostna l-perit tekniku Gwido Vella, iz-zewg sewwieqa ma setghux jaraw lil xulxin qabel waslu fil-post fejn sehh l-incident.

Illi gie rilevat mix-xhieda li xhedu, anke mill-imputat stess, li fil-hin tal-incident ma kien hemm ebda traffiku iehor li setgha fixkel lil imputat.  La kien hemm karozzi quddiem fl-istess karreggjata u lanqas karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta, salv ghal mutur misjuq mill-vittma Raymond Mercieca.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw s-segwenti fatti:

1. <u>Franklyn Hili</u>, li kien riekeb mal-imputat meta sehh l-incident, xehed li ra lil imputat jigbed lejn il-hajt tas-sejjiegh imma ma sema' ebda hoss bhal dak ta' habta, u lanqas hoss bit-*truck* jghaddi minn fuq xi haga.  Jghid li l-imputat Roderick Cauchi qallu 'waqa' jew xi haga simili;

2. <u>L-imputat</u> qal li ra lil vittma gej isuq il-mutur kemm xejn bil-qawwi.  Rah gej f'nofs t-triq, izda kien cert li l-mutur ma messux bit-*truck*.  Jghid li meta ra lil vittma, ghafas il-*brake* ghax hadu u haseb li kien ser jibqa diehel fih.  Dan nonostante pero nstabu *brake marks* tal-imputat jibdew minn nofs t-triq;

Illi minn ezami tar-rapport tel-espert tekniku Joseph Zammit, jirrizulta li mill-ezamijiet teknici li ghamel fuq iz-zewg vetturi nvoluti, nstab li l-mutur kien f'kundizzjoni gdida u bi hsara ta' natura minima konsistenti fi brix fuq t-*twist grip* u fuq l-*footrest* tan-naha tal-lemin, filwaqt li t-

*truck* instab f'kundizzjoni mhux daqstant tajba billi nstab b'*tyre* wiehed biss tajjeb, dak ta' quddiem tan-naha tal-lemin, w t-*tyres* l-ohra kollha lixxi u malandati, kif wkoll t-*tyres* ta' wara, d-*double wheel* kienu jinsabu wkoll spareggjati.

Ikkonstata wkoll fuq dan t-*truck*, li s-sistema tal-*brakes* ta' wara ghalkemm torbot sewwa, minhabba l-fatt li t-*tyres* kienu lixxi u sparaggjati, ma kienux jorbtu ugwali iz-zewg roti filwaqt li l-*brakes* fuq r-roti ta' quddiem, nstabu batuti ghalkemm il-darba gew applikati qatt ma hallew impronti.

Jghid wkoll li minkejja dawn in-nuqqasijiet, pero bl-ebda mod ma l-espert qal li l-incident sehh minhabba tali difetti.

Illi fil-fehma tal-espert tekniku, kif abbraccjat minn din il-Qorti, il-kollizzjoni sehhet hekk kif indikat aktar 'l isfel:

a. Is-sewwieq tal-mutur waqt li kien ghaddej, spicca imrassas bejn il-hajt tas-sejjiegh w il-vettura. Meta ra hekk, s-sewwieq tal-mutur, ippanikkja u tilef l-kontrol tal-mutur li kien qed isuq;
b. Illi l-istess sewwieq tal-mutur qatt ma laqat il-hajt. Dan gie stabbilit ghaliex ma kienx hemm tracca u cioe grif li kien kompatibbli ma dak tal-mutur;
c. Illi l-impatt sehh meta s-sewwieq tal-mutur, tilef l-kontroll tal-istess mutur, meta kien qed jaqa' u kien kwazi waqa ghal kollox mal-art meta l-istess sewwieq tal-mutur habit rasu mal-kantuniera tal-*mudguard* tal-vettura l-ohra;

Jirrizulta minn ezami tal-pjanta esibita, li l-imputat kien qed isuq f'nofs t-triq. Ir-raguni ghal dan hija, minn fejn bdew il-*brakes marks* li kienu proprju f'nofs t-triq.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat hareg minn fuq *stop sign* minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega u minghajr m'accerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta. L-imputat kellu l-obbligu li jesplora t-triq qabel ma johrog ghal go fiha. Illi hu mprobabbli, kif stqarr il-perit tekniku Mario Buttigieg, li l-imputat effettivament waqaf fuq l-i*stop sign* ghaliex ma kienx itella' wiehed w ghoxrin

mil fis-siegha f'dik d-distanza daqstant zghira fejn sussegwentement spicca mahbut.

Illi l-imputat fil-fatt tant kien negligenti fis-sewqan tieghu, li lanqas induna li effettivament kien hemm impatt benjiethom u stqarr li nduna li kien gara xi haga, meta hares mill-mera u ra lil vittma mal-art bid-demm.  L-impatt ma semghux u wisq inqas hassu.

Illi kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1993*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Abela**, d-disposizzjoni tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fil-latitudini tal-kontemplata hu konsonu ma principji rikonoxxuti in materia w ghalhekk konformament ma l-ahjar gurisprudenza tat-Tribunal Lokali ghandha ssir is-segwenti distinzjoni bejn -

a. Kaz fejn il-*criminal misconduct* jikkonsisti per ezempju f'velocita deliberatament w ezageratament eccessiva jew f'sewqan b'manjiera periokoluza – bhal min jaghmel uzu minn *brakes* li huma difettuzi, u cioe fejn ikun hemm "*a selfish disregard for the safety of the road users or their passengers or who have driven recklessly.*"***[Principles of Sentencing – D.A. Thomas – Second Edition pg. 87]; u***

b. Kaz li min isuq b'mod traskurat jew li jikkommetti biss *error of judgment*, nonostante l-fatt li kieku kellu l-hila mehtiega kien jista jevita d-disgrazzja, bhal meta wiehed ma jikkalkolax tajjeb c-cirkostanzi ta' sorpass.

Illi ghar-rassenja ampja f'dan r-rigward issir referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet mill-**Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef William Harding** fl-ismijiet **Il-Pulizija v AIC Lewis Borg** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1947***; Il**-Pulizija v Toni Meilaq** ***deciza nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1948*** u **Il-Pulizija v Corporal Raymond Thomas Moore** ***deciza nhar l-hmistax ta' Dicembru 1956.***

Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali, u dan kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' April 1951*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius gia citata**.

In fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose** – ***1938 – 20 Crim. App. R. 166***;

*"No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."*

Illi ghalhekk, huwa pacifiku li meta, bl-agir tieghu, imputat jassumi deliberatament atteggjament li hu perikoluz ghal inkolumita mhux biss tieghu nnifsu, imma anke tan-nies li jkollu mieghu u t'utenti ohra tat-triq allura.

*"Sentences of imprisonment are generally considered apparopriate in cases of causing death by dangerous driving whther there is an element of deliberate risk taking on the parti of the offender." [Criminal Law Review – March 1968 – pg 171]*

Illi del resto, kif jghid l-**Finnis** f'***Natural Law and Natural Rights*** pagna 86:

"Il-hajja hija wara kollox *a first basic value, corresponding to the driver for self preservation*' liema valur jigi arbitrarjament imcahhad lis-sinistrat b'dan l-uzu skonsiderat tal-vettura.

Illi s-suespost qed jinghad meta hawn si tratta ta' uzu traskurat, perikoluz u bla kont ta' vettura mekanizzata li f'cirkostanzi simili ghal dawk li rrizultaw mil-fatti kif esposti f'din il-procedura m'hi xejn hlief *a weapon of offence*, fejn

f'ambiti akkademici w legislattivi l-aktar aggornati diga qed tinstema' l-ghajta li:

*"We should therefore expect all drivers who kill by deliberately driving at others to be prosecuted for MURDER, and expect manslaughter convictions to be returned only on those who make out the defences of provocation or diminished responsibility, or who can put forward some convincing explanation … to explain why they did not appreciate the enormous risk to life and limb in what they did." [**Motor Vehicles as Weapons of Offence** – **J.R. Spencer**; **The Criminal Law Review** – 1985 – p.30]*

Illi f'dan l-isfond ghandu jinghad ukoll, kif del resto gia gie abbilment espost fl-artikolu citat fil-paragrafu precedenti li:

*"The … motor vehicle as a weapon of offence is often treated with remarkable lenity." [ibid. p. 33].*

Ikkunsidrat ukoll:

Illi tali atteggjament tant jidher li huwa wiehed radikat anke fis-sistema legali taghna, li t-tribunali lokali kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ilmentaw minn din l-attitudini meta rritenew li:

a. "… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja." [**Il-Pulizija v Mark Galea** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hmistax ta' Ottubru 1987***].

b. "Il-piena preskritta mill-ligi ghar-reat in kwistjoni hija l-prigunerija li ma teccedix l-erbgha snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa." [**Il-Pulizija v Joseph Busuttil et** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per***

***Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo datata sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992***].

c. "Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [vide **Il-Pulizija v Giovanni Conte *deciza nhar t-tnejn ta' Marzu 2000***] fejn uriet l-preokkupazzjoni taghha li paragunati ma sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti." [**Il-Pulizija v Gordon Micallef** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hdax ta' Jannar 1994***].

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f'dan il-kuntest, huwa ghaqli analizi tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Ingliza** fl-ismijiet **R v Boswell** [1984] 6 Cr. App R (s) 257, komposta minn ***Lord Lane CJ. Michael Davies*** u ***Kennedy JJ. datat dsatax ta' Gunju 1984*** "***The All England Law Reports***", 1984, Vol. 3, pp. 353 – 361, fejn gie ritenut, meta l-ligi Ngliza kienet ghadha simili ghal dik Maltija, li:

*"Causing death by reckless driving … is a serious offence: to be guilty the defendant must have created an obvious and serious risk of injury to the person or damage to property and have either given no thought to the possibility of that risk when it would have bee obvious to any ordinary person or having seen the risk nevertheless decided to take it.*

*"The offence is <u>aggravated</u> if, for example:*

*1. The motorist's driving was affected by the consumption of alcohol or drugs;*
*2. He was driving at a grossly excessive speed;*
*3. He disregarded warnings from his passengers;*
*4. He pursued or prolonged, persistent and deliberate course of very bad driving [for example by*

*driving through red traffic lights, passing other vehicles on the wrong side or driving on the pavement];*
*5. He simultaneously committed another offence [for example driving without a driving licence or while disqualified];*
*6. He has previous convictions for motoring offences [especially those involving bad driving or the excessive consumpation of alcohol];*
*7. More than one person was killed as a result of his reckless driving;*
*8. He failed to stop at the time of the incident or tried to throw the victim off his car; or*
*9. He committed the offence in the course of attempting to evade detection or apprehension;*

*"Mitigating factors include:*

*1. The piece of reckless driving which might be described in the vernacular as a 'one off', a momentary reckless error of judgment [such as briefly dozing off at the wheel or failing to notice a pedestrian on a crossing];*
*2. A good driving record;*
*3. Good character;*
*4. A plea of guilty;*
*5. A show of genuine remorse or shock; and*
6. *Where the victim is a close friend or relative of the driver, the strong emotional effect of his death on the driver."*

Illi in oltre, fl-istess decizjoni **Lord Lane** korrettement isostni li minkejja dan l-analizi li trid taghmel l-Qorti, din ghandha wkoll l-oneru:

*"To reflect the concern of Parliament and also, which is sometimes forgotten, to reflect the concern of the public about these matters."*

Fil-fatt anke f'Malta, il-piena ghal akkuza ta' reat t'omicidju nvoluntarju zdiet minn massimu ta' sentejn prigunerija ghal massimu ta' erbgha snin u dan b'Att III tas-sena

2002, w ghalhekk l-intenzjoni tal-legislatur hu li bniedem ghandu jigi punit bis-sewwa f'kaz li hu jikkawza omicidju nvoluntarju b'mod grossolan.

Ikkunsidrat wkoll:

Illi ghandu jigi sottolineat ukoll li l-ebda wiehed mill-elenki fuq citati ma hu esklussiv u konsegwentement jistghu liberament jizdiedu fatturi ohra li l-Qrati jistghu jiltaqghu mahhom minn zmien ghal zmien skond c-cirkostanzi.

Ikkunsidrat wkoll:

Illi a bazi tal-elenki stabbiliti f'**Boswell** fuq citati b'mod ezawrjenti, [vide wkoll ***Emmins on Sentencing*** – **Martin Wasik**; pp. 303 – 306] u mill-fatti kif esposti aktar qabel, jirrizultaw s-segwenti:

**A. Fattur Aggravat**

1. Illi l-imputat kien qed isuq il-vettura f'kundizzjoni li ma kienetx tajba;
2. Illi l-imputat lanqas induna li l-incident kien sehh;
3. Illi l-imputat naqas li jkollu *a proper lookout*.

**B. Fattur Mitiganti**

1. L-imputat jidher li hu ta' karattru tajjeb mill-mod kif gab ruhu fl-ordnijiet ta' din il-Qorti u li ghandu fedina penali nadifa.

Illi ghaldaqstant, in vista tal-fatti u tal-motivi fuq esposti, din il-Qorti hi sodisfatta li l-prosekuzzjoni ippruvat l-kaz taghha skond l-ligi u konsegwentement tiddikjara li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat wkoll l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 225, 328, u 533, tal-Kap 9, l-Artikolu 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti diga espremiet ruhha f'diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f'certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala irhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero li f'kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija ghaliex kull kaz ivarja minn iehor, w altru negligenza ta' certu tip w altru sewqan perikoluz u spavald, li ma kienx l-kaz odjern. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqlu pero il-mertu li jkun m'ghandux ikun hemm gustifikazzjoni ghal kazijiet fejn ikun hemm – tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta' responsabbilita estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghal uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, hija wkoll tista tkun arma fatali f'idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha.

**Il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 225, 328, u 533, tal-Kap 9, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddikjara li ssib lil imputat RODERICK CAUCHI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn tlett mija u tletin [2330] Euro.</u>**

**<u>Oltre dan, ai termini tal-artikolu 30(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna s-sospenzjoni tal-licenza tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sena [1] mill-lum.</u>**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe Joseph Zammit [34], Perit Gwido Vella [fol 34, 206 u 389], Robert Cardona [fol 266], Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Safraz Ali [fol 194] u dan fl-ammont globali ta' elf erbgha mija u tmenin [1480] Euro u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------